**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 300/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ivan Caruana**

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Ivan Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 244563(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2022 u Frar 2022, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Marion Caruana u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 -il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 338(z), 18 u 7 tal-Kodiċi

Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Ivan Caruana ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontrih u konsegwentement ikkundanatu għal tlett xhur priġunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellant, Ivan Caruana, ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tirrevokaha in kwantu ngħatat kundanna ta' piena karċerarja għal zmien tlett xhur billi tissostitwixxi għall-istess piena, piena anqas, u li tkun aktar adattata għaċ-ċirkostanzi tal-każ, u sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija ġusta, tapplika minflok piena karċerarja, sentenza sospiza fil-konfront tiegħu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 28 ta' Novembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li nhar it-2 ta' Frar 2024, l-appellant, *seduta stante*, ħallas is-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) lill-parte ċivile bħala parti mill-ammont globali ta' manteniment dovut minnu.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam uniku mressaq mill-appellant jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu, u ċioe' dik tal-priġunerija għal perijodu ta' tlett xhur. Huwa jikkontendi illi naqas mill-obbligi tiegħu li jħallas il-manteniment stante li kien fl-impossibilita' li jagħmel dan u ntrabat illi jħallas l-arretrati dovuti fil-mori tal-appell hekk kif ibiegħ propjeta' u jdaħħal ir-rikavat mill-imsemmi bejgħ.

Jirriżulta illi fil-mori ta'l-appell dan ir-rikavat wasal f'idejn l-appellant u għalhekk illum stess ħallas il-manteniment dovut lil parti leża in konnessjoni ma' dan il-każ, hekk kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta ta' llum. Il-parti leża iddikjarat li tinsab pjenament sodisfatta b'dan il-ħlas.

Għaldaqstant , għalkemm il-ħtija tirriżulta xortawaħda, madanakollu hemm lok għal temperament fil-piena.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell in parte, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, iżda tvarja l-piena nflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien sena mil-lum.**

**Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**